**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 547/2016 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
**vs**
**Alexander Ciantar**

**Illum 16 ta' Mejju, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Alexander Ciantar, detentur tal-karta tal-identita' numru 861751M.

Akkuzat talli bejn is-16 ta' Novembru, 2006 u s-16 ta' Novembru, 2011, f'San Pawl il-Bahar, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bhala l-account holder tal-arlogg tad-dawl fil-fond sitwat 'Il-Bejta', Triq ic-Cern, San Pawl il-Bahar, b'mezzi qarrieqa u li bihom setgha kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom setgha twaqqaf jew tbiddel il-kejl jew markar fil-meter, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur u cioe' cirka 1,337.10 ewro, ai termini tal-Artikoli 18, 261, 263, 264(1)(2), 267, 279 u 280 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoliu 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata tal-10 ta' Novembru, 2016.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', ic-certifikat tat-twelid ta' l-imputat, il-fedina penali aggornata ta' l-imputa, il-kunsens moghti mill-Avukat Generali biex din il-Qorti titratta l-kawza bi procedura sommarja, current incident report immarkat bhala Dok PC1, kwerela mmarkata bhala Dok MC1, stqarrija rilaxxjata minn Alexander Ciantar immarkata bhala Dok MC2, dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali mmarkata bhala Dok MC3, dokument tal-Enemalta mmarkata bhala Dok AC1, record of consumption immarkata bhala Dok AC2, record ta' meta gie nstallat il-meter immarkat bhala Dok JT1, report of surprise inspection immarkat bhala Dok JT2, zewg ritratti a fol 41 u 42 tal-process, medical review minghand Mr. Raymond Gatt immarkat bhala Dok RG1, rapport tal-Professur Inginier Cyril Spiteri Staines a fol 60 et seq tal-process, letting agreement datat 29 ta' Lulju, 2007 immarkat bhala Dok AC1, letting agreement datat 28 ta' Frar, 2007 immarkat bhala Dok AC2, letting agreement datat 11 ta' Novembru, 2010 immarkat bhala Dok AC3, letting agreement datat 17 t'April, 2011 immarkat bhala Dok AC4, ircevuta mmarkata bhala Dok AC5.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 17 t'Ottubru 2016 biex din il-Qorti titratta din il-kawza bi procedura sommarja ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u rat ukoll il-kunsens ta' l-imputat biex din il-Qorti titratta l-kawza bi procedura sommarja u dan anke wara li l-Qorti tatu zmien biex jerga' jahsibha huwa ikkonferma l-kunsens tieghu u dan ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk il-Qorti ipprocediet biex tiddeciedi fuq il-mertu tal-kaz u konsegwentement ikkonvertiet f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lill-Ispettur PS 935 Patrick Cassar, Spettur Maurice Curmi, Alan Chetcuti, Christopher Gatt, John Tonna, Cyril Spiteri Staines.

Semghet lill-imputat jixhed fis-seduta tas-17 ta' Jannar, 2019 b'mod volontarju u fil-prezenza tal-Avukat difensur tieghu Dr. Victor Scerri.

Patrick Cassar, stazzjonat mar-Rapid Intervention Unit, kien xoghol *duty* nhar is-16 ta' Novembru, 2011 flimkien ma WPC 267 li kienet l-orderly. Meta dahal ir-rapport permezz ta' kwerela ta' Christopher Gatt mill-Enemalta fejn informa lill-Pulizija li kien sar xi tbaghbis fl-elettriku, tnizzel isem is-surgent Patrick Cassar fuq dan ir-rapport. Izid jghid li l-indirizz fejn sar dan l-allegat tbaghbis fl-elettriku kien Bejta, Triq ic-Cern, San Pawl il-Bahar, izda s-surgent la sid il-post ma kellem u lanqas il-persuna li ghamlet il-kwerela.

L-Ispettur Maurice Curmi jghid li wara li l-Pulizija rceviet il-kwerela datata 27 ta' Frar, 2015, Alan Chetcuti u Antoine Busuttil impjegati mal-Enemalta, talbu lill-Pulizija sabiex jittiehdu proceduri kriminali kontra Alexander Ciantar stante li huwa sid il-post Bejta, Triq ic-Cern, San Pawl il-Bahar u dehrilhom li kien hemm xi tbaghbis fl-arlogg tad-dawl, liema tbaghbis huma kkalkulaw li Alexander Ciantar seraq l-ammont ta' €1337. L-Ispettur Curmi kellem lill-Alexander Ciantar wara li tah is-solita twissija u Alexander Ciantar irrilaxxja stqarrija, fejn innega li qatt sar tbaghbis fl-arlogg tad-dawl. Inoltre, l-Ispettur Curmi jghid li l-ispezzjoni saret minn ufficjali tal-Enemalta, kif ukoll il-kalkolu sar mill-istess ufficjali. Jiddikjara li huwa fuq il-post qatt ma mar.

Alan Chetcuti jghid li fis-16 ta' Novembru, 2011 kienet saret ispezzjoni fil-fond "Il-Bejta", Triq ic-Cern, San Pawl il-Bahar peress li kien sar rapport li kien hemm xi rregolaritajiet fil-meter installat fl-istess post. L-Enemalta ghamlet ezercizzju fejn qablet il-konsum ta' bejn 780-il gurnata wara li saret l-ispezzjoni ma hames snin qabel ma sar l-ispezzjoni fejn innutaw li l-konsum kien tela' ghal 6.49 units ta' dawk kuljum. Il-penali ta' dan il-konsum huwa ta' €1337.10. Jghid li huwa qatt ma mar

fuq il-post in kwistjoni. Jiddikjara li kien tkellem ma Alexander Bezzina fejn spjegalu l-pretenzjonijiet tal-Enemalta, izda Alexander Bezzina rrifjuta li jhallas u ma gab l-ebda kwotazzjoni biex imeri lill-Enemalta. Mistoqsi jekk il-meter setax kien imbaghbas qabel ma twahhal, Alan Chetcuti jghid li m'huwiex tal-fehma li kien imbghabas stante li l-meter kien wiehed gdid. Alan Chetcuti jikkonferma li dan il-meter hareg mill-istores taghhom fit-28 ta' Awwissu, 1993.

Christopher Gatt jghid li jahdem mal-Enemalta bhala distribution tradesman u xoghlu kien li jbiddel il-meters fi Triq ic-Cern San Pawl il-Bahar. Jghid li fis-16 ta' Novembru, 2011 mar jghamel rapport ghax waqt li kien qed ibiddel meter antik ghal smart meters, sab toqba fil-genb fil-livell tad-diska, fil-meter l-antik li jfisser li xi hadd seta' dahhal xi haga fil-meter biex izomm id-diska u ghalhekk il-meter jimmarka inqas milli fil-verita' suppost jimmarka. Kompla jispjega li avolja l-meter kellha toqba fil-genb, u avolja jista' jkun li ma sar l-ebda tampering fil-meter, m'hijiex xi haga regolari li meter ikollha toqba. Izid jghid li meta nqala' l-meter minn postu, dan l-istess meter gie ssiggillat fil-prezenza tas-sur Alexander Ciantar u l-inginier John Tonna fejn anke ffirmaw fuq il-borza fejn gie ssiggillat il-meter.

Christopher Gatt rega' xehed fis-seduta tal-5 ta' Jannar, 2017 fejn ikkonferma li ma jafx kemm kienet ilha hemm it-toqba fil-genb tal-meter u ma jafx jekk kienitx diga' hemm it-toqba meta gie nstallat il-meter.

L-Inginier John Tonna jahdem fil-qasam tal-meters tal-Enemalta jghid li fis-16 ta' Novembru, 2011 u cioe' fiz-zmien li kienu ghaddejjin bl-ezercizzju li jbiddlu l-meters l-antiki u jissostitwuhom bl-ismart meters, kien ircieva telefonata minghand Chris Gatt fejn infurmah li kien sab meter li seta' kien imbghabas. Jispjega li dak iz-zmien, il-procedura ta' meta kienu jinstabu xi rregolaritajiet fil-meters, kienet li jelevaw il-meter minn fuq il-post dak il-hin stess, jittiehdu xi ritratti u jinvestigaw biex jaraw jekk kienx hemm xi tbghabis fil-meter. Meta gie muri l-meter immarkat bhala Dok CG1, l-Inginier Tonna kkonferma li huwa l-istess meter li kien eleva minn fuq il-post gewwa San Pawl il-Bahar u anke kkonferma li huwa l-istess meter bin-numru 91002904. Inoltre kkonferma li l-firem fuq il-borza kienu tieghu, ta' Chris Gatt u tal-

imputat Alexander Ciantar. Jispjega li minn naha tieghu, huwa kkonferma li kien hemm toqba fil-genb tal-meter, liema toqba m'ghandha l-ebda uzu mekkanika jew teknika, u ghalhekk seta' kien hemm il-possibilita' ta' tbaghbis. L-Inginier Tonna jispjega li l-meter gie installat fis-sena 1993, izda ma jafx f'liema kundizzjoni kienet il-meter meta giet installata.

Cyril Spiteri Staines ipprezenta r-rapport tieghu fis-seduta tal-1 ta' Frar, 2018, fejn halef l-istess rapport u kkonkluda illi:

*Il-meter f'dan il-kaz huwa meter mill-antiki li jahdem permezz ta' rotating disk li ddawwar arlogg li jkejjel il-konsum ta' energija elettrika f'kWh (units).*

*Mill-ezami tal-meter huwa car li saret toqba fil-genb tal-meter (ritratti 10-11). Huwa mahsub li r-raguni ta' din it-toqba hi biex ikun jista' jiddahhal oggett estranju (bhal per ezempju labbra) li jmiss il-mekkanizmu mekkaniku tal-meter u jgieghel il-mekkanizmu jdur aktar bil-mod. B'hekk jigi rregistrat konsum inqasminn dak ikkunsmat fir-realta'.*

*Huwa eskluz li t-toqba saret waqt il-manifattura tal-istess Meter.*

*Fl-'Enemalta Report of Surprise Inspection' hemm imnizzel li l-post kellu: Three, 60W incandescent lamps: One, Fluorescent tube: One, A/C; One, washing machine; One, fridge freezer; One, 30L water heater u One, TV. Fl-ittra tal-Enemalta 'Period of Unregistered Consumption', hemm imnizzel il-qari tal-konsum tal-meter l-antik tal-hames snin ta' qabel ma gie mibdul. Fl-istess rapport hemm ukoll imnizzel il-qari tal-konsum tal-meter il-gdid tal-hamis snin ta' wara li gie mibdul il-meter. Mill-kalkolu tal-avg. Daily (Accumulated) units tar-rapport, jidher car, li meta nbidel il-meter, il-qari tal-konsum tad-dawl zdied. Jekk l-okkupazzjoni u l-uzu tal-proprjeta' kienu simili fis-snin ta' qabel u ta' wara li mbidel il-meter, jista' jigi konkluz li l-meter ezaminat f'dan ir-rapport ma kienx qed jaqra tajjeb il-konsum. Il-fatt li nstabet toqba fil-genb tal-meter jindika lid an l-under-reading seta' sehh billi oggett estranju ntuza biex imiss il-mekkanizmu mekkaniku tal-meter u jgieghlu jdur aktar bil-mod.*

*Jiddikjara li ezamina l-meter skont is-sengha tieghu u l-informazzjoni estratta minn fuq l-ezami gie traskritt fis-sewwa, fedelment u bl-ahjar hila u taghrif.*

Alexander Ciantar jghid li fid-19 ta' Settembru, 1984 huwa xtara l-fond in kwistjoni f'San Pawl il-Bahar, li kien jintuza bhala villeggjatura fix-xhur tas-Sajf u beda billi applika ghad-dawl u l-ilma. Jghid li mis-sena 2007 huwa beda jikri dan il-post lil terzi u pprezenta kuntratti tal-istess kirjiet. Wara s-sena 2007 qatt ma rega' mar joqghod fil-fond stante li kien qed jinkera lil terzi. Izid jghid li fis-sena 2011 kien se jsir tibdil tal-meter tieghu gewwa din il-villeggjatura u kif gew tal-Enemalta, infurmawh li l-meter kellha toqba zghira, izda hu nnega li jaf biha stante li hu lanqas biss kien jersaq lejn il-fond hlief biex imur jaqra' r-readings tad-dawl u l-ilma u jigbor il-flus minghand il-kerrejja sabiex ihallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Jikkonferma li kienu jigu nies teknici mill-Enemalta sabiex jiehdu r-readings tal-meter fil-prezenza tieghu u qatt ma qalulu xejn.

**Ikkunsidrat:**

Illi ghal dak li jirrigwarda jekk il-*meter* kienx effettivament imbaghbas jew le, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova dan wara li gie prezentat ir-rapport ta' l-espert imqabbad minn din il-Qorti, il-Profs Ing Cyril Spiteri Staines, liema konkluzjoni giet ikkwotata f'din is-sentenza. Peress illi l-istess espert jeskludi li t-toqba li fih da nil-meter saret waqt il-manifattura tieghu allura, dan ifissier biss li kien hemm it-tbaghbis fil-fatt l-istess espert jikkonkludi li ladarba l-konsum tad-dawl u l-ilma beda jirregistra aktar wara li nbidel il-meter dan ifisser li toqba fil-genb tal-meter intuzat biex jintmess il-mekkanizmu mekkaniku tal-meter u jgieghlu jdur iktar bil-mod.

Qed issir referenza ghax-xhieda ta' Alan Chetcuti li xehed wara li kienet saret spezzjoni nhar is-16 ta' Novembru 2011 fil-meter installat fil-post, Il-Bejta, Triq ic-Cern, San Pawl il-Bahar, l-Enemalta rat il-konsum registrat fuq dan il-meter ghal dawn l-ahhar hames snin u qablithom mal-konsum li gie registrat sussegwentement

ghall-ispezzjoni u cioe' 780 gurnata wara l-ispezzjoni meta l-konsum tela' ghal 6.49 units ta' dawl kuljum.

Il-Qorti qed taghmel referenza ghall-Artikolu 264(2) tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid is-segwenti:

*(2) Fil-każ ta' ksur ta' kanni tas-servizz pubbliku tal-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku, jew tal-meters tagħhom, jew ta' xi siġill ta' xi meter, jew fil-każ tal- eżistenza ta' mezzi qarrieqa li bihom wieħed jista' jkollu l-użu jew il-konsum illeġittimu ta' dan l-ilma, gass, jew kurrent elettriku, jew li bihom jista', jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter tal-kwantità meħuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, bħala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-ksur jew il-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-użu jew konsum ta' ilma, gass jew kurrent elettriku, skont ma jkun il-każ.*

Ghalhekk il-Qorti trid tistharreg jekk fil-kaz odjern kienx hemm "ksur jew il-mezzi qarrieqa" li bihom wiehed jista' jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' current elettriku, ghaliex kif tghid il-Ligi u kif konfermat fil-gurisprudenza vasta taghna, l-oneru tal-prova ladarba kien hemm il-prova li kien hemm it-tbaghbis fil-meter tad-dawl, jaqleb ruhhu ghal fuq l-imputat illi jrid ikun hu illi jipprova li effettivament ma kienx hemm serq ta' current elettriku.

Sa issa mill-provi prodotti, din il-Qorti hija sodisfatta li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ezistenza ta' mezzi qarrieqa u ta' tbaghbis fil-*meter,* konsistenti fit-toqba li saret fil-livell tad-diska, u ghaldaqstant kien jinkombi fuq l-imputat illi jipprova illi fil-fatt ma kienx ikkommetta t-tbaghbis fil-*meter* ta' serq ta' kurrent elettriku ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Da parti tieghu l-imputat ressaq bhala prova xi kuntratti ta' lokazzjoni erbgha b'kollox datati 2007, 2010 u 2011 u xehed hu stess. Huwa mill-bidu sa minn meta ttiehditlu l-istqarrija jghid li ma kienx jaf b'din it-toqba u baqa' jsostni li ma ghamiliex hu. Jghid li fil-fond in kwistjoni huwa kien jirrisjedi fih biss bhala

villegjatura fis-Sajf u mill-2007 il-quddiem beda jikrih lil nies differenti, jghid li l-meter inbidel darbtejn kemm kien ilu ghandu dan il-fond sa mill-1984, darba fis-sena 1992 u darb'ohra fl-2011 meta nqaleb ghal smart meter.

Il-Qorti tosserva li l-imputat naqas milli jgib provi in sostenn ta' dak illi qed jghid. Ma rnexxielux igib il-prova li t-tbaghbis fil-meter tad-dawl ma sarx minnu jew li ma kienx jaf bih. Il-fatt li huwa prezenta erba' kuntratti ta' lokazzjoni ma jfisser xejn ghal din il-Qorti. In-numri u l-kalkoli li jinsabu fir-rapport tal-Profs Spiteri Staines huma cari, jirrizulta li units kuljum bejn is-sena 1997 u 2000 kien bejn 4.051 units u 4.246 units, fis-sena 2001 sal-2009 dan naqas ghal 3.181 units u 3.874 units u mis-sena 2010 sal-2011 l-average units kuljum kien bejn 2.430 units u 2.795 units, u wara li nbidel il-meter u sar smart meter dan ghamel qabza drastika ghal 5.121units u 6.623 units.

L-imputat jonqos milli jgib prova ghalfejn kien hemm din id-diskrepanza qawwija ladarba fis-sena 2011 inqaleb il-meter. Fil-fatt l-ahhar kuntratt ta' kera li prezenta l-imputat huwa datat f'April 2011 meta nafu per cert li l-meter inbidel wara s-16 ta' Novembru 2011 li hija l-gurnata li fiha saret l-ispezzjoni.

Ghalhekk in vista tal-provvediment ta' l-Artikolu 264(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq citat, ai termini ta' liema provvediment l-oneru tal-prova jinqaleb ghal fuq l-imputat, din il-Qorti tqis illi jirrizulta illi kien hemm tbaghbis fil-*meter* u tirrizulta wkoll l-ezistenza ta' mezzi qarrieqa li jistghu jkunu intizi biex isir serq ta' kurrent elettriku u tqis ukoll illi l-imputat ma gab ebda prova li tisjpega d-diskrepanzi fir-rata ta' konsum ta' elettriku fil-fond in kwistjoni.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 261, 263, 264(1)(2), 267, 279 u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, tapplika l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel l-ebda reat iehor sa zmien tlett (3) snin mil-lum.

Tordna ai termini ta' l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta li l-imputat ihallas lill-Korporazzjoni Enemalta l-ammont ta' elf tlett mija sebgha u tletin Ewro u ghaxar centezmi (€1337.10).

Tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fl-ammont ta' erbgha mija erbgha u disghin Ewro u sitta u sittin centezmu (€494.66).

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**